MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Numru. 18/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**David Mifsud ta' 26 sena, iben Anthony u Anna xebba Farrugia, imwieled il-Pieta` nhar il-5 ta' Gunju 1982 u residenti 56, Flat 15, Triq Victor Denaro Msida u detentur tal-karta ta' l-identita numru 313582(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Frar 2009 u fiz-zminijiet ta' qabel::

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Frar 2009 u fiz-zminijiet ta’ qabel:

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kietx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollud-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer fl-24 ta’ Frar u fiz-zminijiet ta’ qabel:

c) Biegh jew ittraffika fir-raza mehuda mil-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer matul Frar 2009 u fiz-zminijiet ta' qabel:

d) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fl-ahhar nett talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li b'referenza ghat-tielet akkuza li ghandu japplika il-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta billi dan kien kaz ta' traffikar by sharing.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoll 8(a)(d), Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), il-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzii migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' seba mitt euro (€700) liema multa tista' tithallas fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati li huwa jista' jibbenefika mill-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghall darba wahda biss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------